08 APR 2026

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 623**

**It-Tlieta 24 ta' Frar, 2026**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.02 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Leone Sciberras – Kunsillier
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Toshera Schembri – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Carlo Scicluna - Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**623.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

623.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech, mill-Kaptan Patrick Barbara u mis-Sur Carlo Scicluna fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Leon Sciberras, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech, il-Kaptan Patrick Barbara u s-Sur Carlo Scicluna jkunu skużati.

**623.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

623.2.1 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-minuti tas-622 laqgħa ġew unanimament approvati.

**623.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

623.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienet saret il-laqgħa mal-għaqdiet lokali u li matul dawn il-laqgħat ġew diskussi l-attivitajiet li ser jiġu mtella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. B'rabta speċifika mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiae u b'referenza għall-*email* tagħhom u għad-diskussjonijiet li saru, il-Kunsill, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, qabel unanimament li jorganizza b'kollaborazzjoni magħhom l-attivitajiet imsemmija u li jikkontribwixxi finanzjarjament bħala sehem tal-Kunsill kif ġej: (1) Żabbar Autofest – €3,000, (2) Wirja Pesah – €850, (3) Halloween Lantern Festival – €1,000, u (4) Avviż tal-Festa – €150. Is-Sindku qal illi fir-rigward ta' Żabbar Autofest, kif ukoll kien ġie maqbul waqt il-laqgħa tal-11 ta' Frar mal-għaqdiet, għandha tittella' *press conference* konġunta dwar l-attività u li l-*logo* tal-Kunsill għandu jidher fuq il-materjal kollu ta' reklamar.

623.3.2 Is-Sindku rrefera għal-lezzjonijiet ta' Skola Banda li jiġu organizzati b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet lokali u ppropona li għas-sena 2026 il-Kunsill jerġa' jixtri strumenti mużikali sabiex jintużaw matul dawn il-lezzjonijiet, jew alternattivament isewwi l-istrumenti li huma proprjetà tal-Kunsill u li nxtraw fil-passat għall-istess skop. Is-Sindku qal li n-nefqa approvata mill-Kunsill għandha tkun ta' €1,000 għal kull għaqda; jiġifieri għaż-żewġ każini tal-banda u għall-grupp tal-*iscouts*. Is-Segretarju Eżekuttiv iċċarat li l-istrumenti li ser jinxtaraw jibqgħu proprjetà tal-Kunsill u jingħataw għall-użu matul il-lezzjonijiet skont il-ħtiġijiet rispettivi, filwaqt li kwalunkwe tiswija tkun limitata għal strumenti li huma proprjetà tal-Kunsill u ssir abbażi tal-bżonnijiet identifikati jew tat-talbiet formali tal-għaqdiet. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

623.3.3 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienet saret ukoll it-tieni laqgħa separata mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel. L-ewwel punt diskuss kien l-attività tal-ġirja 10K u l-permessi meħtieġa li għandhom jintalbu mingħand il-Kunsill. Is-Sindku qal li waqt l-istess laqgħa huwa talab lill-għaqda sabiex tibdel ir-rotta proposta minħabba li kien hemm attività oħra fil-lokalità, u żied jgħid li l-għaqda laqgħet din it-talba u bidlet ir-rotta kif mitlub. Fid-dawl ta' din il-bidla, is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova l-imsemmija attività skont ir-rotta l-ġdida. Is-Sinjura Anna Calleja ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel

unanimament ma' din il-proposta. Sussegwentament, is-Sindku kompla jgħid li matul l-istess laqgħa ġew diskussi wkoll l-attivitajiet li għandhom jiġu organizzati b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jikkollabora fl-attivitajiet imsemmija u jikkontribwixxi finanzjarjament bħala sehem tal-Kunsill kif ġej: (1) L-Erbgħa tat-Tniebri – €1,000; (2) Żabbar 5K – €3,000, u (3) Kunċert tal-Festa u riklam fil-pubblikazzjoni tal-Festa – €1,000. Is-Sindku żied jgħid li fir-rigward ta' Żabbar 5K, kif ukoll kien ġie maqbul waqt il-laqgħa tal-11 ta' Frar, għandha tittella' *press conference* konġunta dwar l-attività u li l-*logo* tal-Kunsill għandu jidher fuq il-materjal kollu ta' reklamar. Il-laqgħa kompliet bid-diskussjoni dwar l-*invoices* pendenti tas-sena 2025 li l-għaqda kienet bagħtet fir-rigward tal-attivitajiet tal-Erbgħa tat-Tniebri u tal-Kunċert tal-Festa. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri li l-Kunsill kien irċieva żewġ *invoices* ta' €1,500 kull wieħed. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li wara li l-Kunsill kien irċieva talba ta' kollaborazzjoni relatata mal-attività tal-Erbgħa tat-Tniebri għas-sena 2025, il-Kunsill qabel li jħallas l-ispejjeż tal-pulizija ta' din l-attività jitħallsu mill-Fondi tal-Infurzar ta' LESA li jammonta €721.45. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas l-*invoice* relatat mal-Kunċert tal-Festa li tammonta għal €1,500 u konsegwentament ġie deċiż li l-Kunsill ma jkunx qed iħallas il-kont mibgħut fir-rigward tal-attività tal-Erbgħa tat-Tniebri.

623.3.4 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-librara tal-lokalità kienet irriżenjat u konsegwentament ser jinbeda l-proċess sabiex jiġi ingaġġat librar/a. Is-Sindku semma l-ħtieġa li jinħatar bord tal-għażla għall-intervisti. Is-Sur Leone Sciberras wera x-xewqa li jkun parti mill-bord. Madankollu, peress li s-Sur Leone Sciberras huwa impjegat tal-*Malta Libraries* u li l-bord ser ikun diġà jinkludi rappreżentant/i tal-*Malta Libraries*, is-Sindku talab li l-Kunsill jivverifika mal-*Malta Libraries* jekk dan jistax joħloq kunflitt ta' interess. Fuq proposta tas-Sinjorina Martina Baldacchino li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-bord tal-intervisti jkun magħmul mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, minn rappreżentant/i tal-*Malta Libraries*, mis-Sinjura Anna Calleja u mis-Sur Leone Sciberras. F'każ li l-Kunsill jirċievi konferma mingħand il-*Malta Libraries* li s-Sur Leone Sciberras ma jistax ikun membru tal-bord, is-Sur Joseph Agius jaġixxi minfloku.

623.3.5 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza kompetizzjoni b'kollaborazzjoni mal-Kulleġġ Santa Margerita, Skola Primarja A Santa Klara u li jinxtraw sitt kotba sabiex jintużaw bħala premjijiet għal din il-kompetizzjoni.

623.3.6 Is-Sindku rrefera għall-każ fejn resident allega li siġra fi Triq il-Ward kienet qed tikkawżalu ħsara fil-proprjetà tiegħu u fakkar li l-Kunsill kien iddeċieda li s-siġra ma titneħħiex iżda li minflok isir l-intervent meħtieġ fuq iċ-ċint. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien bagħat lill-ħaddiema tar-Reġjun flimkien ma' kuntrattur sabiex jitwettaq ix-xogħol, iżda s-sid irrifjuta li jsiru interventi. Is-Sindku talab li l-Kunsill għandu jibgħat korrispondenza uffiċjali lil dan ir-resident. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kienet diġà bagħtet korrispondenza lir-resident sabiex jagħti aċċess lill-ħaddiema sabiex ix-xogħol isir b'mod sigur u adegwat, kif ukoll sabiex jintlaħaq ftehim prattiku fuq il-post dwar kif

jiġu evitati jew minimizzati kemm jista' jkun impatti fuq pjanti u arbuxelli. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li r-resident wieġeb li għandu jintbagħat perit sabiex jiċċertifika bil-miktub li x-xogħol propost mhux ser jikkawża aktar ħsara u li s-siġar m'humiex perikolużi. Is-Sindku qal li kien irċieva diversi messaġġi ta' tgħajjir mingħand dan l-individwu u li l-pożizzjoni tiegħu ma kinitx konsistenti ma' dak li ntqal waqt żjara fuq il-post. Għaldaqstant, is-Sindku ppropona li jintbagħat mill-ġdid avviż uffiċjali lir-resident sabiex jindika data meta jista' jibda x-xogħol fuq iċ-ċint u li jiġi avżat li dan ser ikun l-aħħar preavviż. Is-Sinjorina Martina Baldacchino ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

623.3.7 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta: Applikazzjoni numru PA/2993/25 – 134/136, Triq ix-Xgħajra kantuniera ma' Triq ġdida fi Triq ix-Xgħajra, u Triq Felice, Żabbar, relatata ma' talba sabiex tiġi eżentata l-ħtieġa tal-fond minimu ta' 1.5 metru għall-istruttura li qed tappoġġja l-iżvilupp taħt it-triq fis-sit imsemmi. Is-Sindku spjega li din il-korrispondenza kienet intbagħtet lill-perit tal-Kunsill sabiex jagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Peress li t-terminu għat-tweġiba tal-Kunsill kien sal-aħħar ta' Frar u billi nuqqas ta' tweġiba kien ser jitqies bħala qbil, is-Sindku ppropona li l-Kunsill jibagħat risposta skont il-parir tal-perit tal-Kunsill. is-Sur Joseph Buttigieg issekonda u l-Kunsill qabel unanimament.

623.3.8 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq li fiha ġie notifikat li l-Kumitat iddiskuta talba sabiex jingħata numru uffiċjali lil dar li tinsab ġewwa Triq il-Barumbara/Trejqet il-Mitħna u li, wara spezzjoni fuq il-post ġie osservat li d-daħla minn Triq il-Barumbara twassal għal parti li tagħlaq li tista' jew titqies bħala estensjoni ta' Trejqet il-Mitħna jew inkella tingħata isem temporanju bħala "Triq Ġdida" fi Triq il-Barumbara. Il-Kumitat talab ir-risposta tal-Kunsill sabiex tissolva d-diffikultà li qed jiltaqgħu magħha residenti f'din iż-żona. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li din il-parti tat-triq tissejjaħ Triq Ġdida fi Triq il-Barumbara.

623.3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kien għadu ma sabx garaxx adattat għall-kiri u li sa llum kienet inġabret kwotazzjoni waħda biss. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jibqa' ifittex aktar kwotazzjonijiet minħabba li l-imsemmija kwotazzjoni kienet tidher relattivament għolja.

623.3.10 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li llum kien hemm is-smiegħ tal-appell numru 0015/26 tat-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar dwar l-iżvilupp propost PA/01617/24 f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sindku qal li s-smigħ ma ġiex konkluż peress illi jkunu jridu jiġu sottomessi l-provi.

623.3.11 Is-Sindku infurma lill-membri preżenti li kienet saret il-laqgħa mal-kuntrattur qabel jibdew ix-xogħlijiet ta' restawr tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u tal-ħajt taċ-Ċimiterju u żied jgħid li x-xogħlijiet huma mistennija jibdew fil-ġimgħat li ġejjin. Is-Sindku qal ukoll illi kien sar xogħol ta' manutenzjoni tal-bankina fi Triq Wied il-Għajn kantuniera ma' Triq il-Fustan permezz tal-ħaddiema tar-Reġjun.

623.3.12 Fis-6.36 ta' filgħaxija, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jissospendi l-laqgħa għal ftit minuti fi stadju ta' kumitat.

623.3.13 Fis-6.43 ta' filgħaxija l-laqgħa tkompliet.

623.3.14 Is-Sindku tkellem dwar Misraħ San Nikola u nforma lill-membri preżenti li kienet għaddejja komunikazzjoni bejnu u bejn l-Awtorità tal-Artijiet fir-rigward tas-sitwazzjoni attwali ta' Triq ix-Xgħajra, li tinsab magħluqa minħabba l-istat tal-binja f'din il-pjazza. Is-Sindku żied jgħid li din qed tħalli impatt dirett fuq Misraħ San Nikola hekk kif xogħlijiet ta' entità li kienu ppjanati f'din iż-żona ġew posposti sakemm tissolva s-sitwazzjoni. Is-Sindku spjega wkoll li minħabba li t-trasport pubbliku ġie devjat għal Triq il-Magħsar u Misraħ San Nikola, kien meħtieġ li jitneħħew temporanjament diversi parkeġġi f' Misraħ San Nikola peress li l-vetturi tat-trasport pubbliku ma setgħux iduru meta jkun hemm vetturi pparkjati; u dan sabiex ma jiġix interrott is-servizz ta' trasport lejn l-isptar Mater Dei. Is-Sindku kompla jispjega li bħalissa l-Awtorità tal-Artijiet, permezz tal-persuni tekniċi tagħha, qed twettaq analiżi sabiex tinstab soluzzjoni li permezz tagħha jissaħħu l-istrutturi tal-binja u jiġi żgurat li ma jkunx hemm periklu għal terzi Is-Sindku żied jgħid li qed jistenna l-eżitu minn naħa tal-Awtorità tal-Artijiet sabiex il-Kunsill ikun jista' jimxi skont il-passi li jiġu indikati. Apparti minn hekk, is-Sindku qal li saritlu offerta sabiex il-Kunsill jibda l-proċess ta' devoluzzjoni tal-binja sabiex din tiġi devoluta lill-Kunsill bil-ħsieb li tintuża bħala spazju kreattiv għal NGOs u għall-għaqdiet tal-lokalità u rrimarka li ladarba jsir dan, ikun jista' jinbeda l-proġett propost f'Misraħ San Nikola u tkun possibbli l-integrazzjoni tal-binja mal-proġett kollu. Is-Sindku rrefera wkoll għall-istruzzjonijiet li nħarġu mis-Superintendence, fejn ġie kkomunikat li l-binja mhux ser tkun qed titwaqqa' jew tinħatt, iżda ser jitneħħew l-istrutturi li ġew identifikati bħala ta' periklu, ser isiru rapporti ta' restawr u jiġi skattat il-proċess meħtieġ. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li tintalab id-devoluzzjoni tal-binja li tinsab f'Misraħ San Nikola.

623.3.15 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi skont l-Artiklu 70 tal-Att dwar Gvern Lokali trid issir laqgħa pubblika sabiex jiġi ppreżentat ir-Rapport Amministrattiv, ir-Rapport Finanzjarju u l-Pjan ta' Ħidma. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li din il-laqgħa trid issir sa mhux aktar tard mill-15 t' April, 2026. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa annwali ssir fid-9 ta' April, 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-membri preżenti sabiex jibgħatu r-rapport ta' ħidma tagħhom għas-sena 2025.

623.3.16 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li titressaq talba mal-kumpanija Faces sabiex isir *bus shelter* ġdid fi Triq il-Marżebb.

623.3.17 Fis-6.49 ta' filgħaxija, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Leon Sciberras, il-Kunsill qabel unanimament li jissospendi l-laqgħa għal ftit minuti fi stadju ta' kumitat.

623.3.18 Fis-6.53 ta' filgħaxija l-laqgħa tkompliet.

623.3.19 Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ sejħa għall-ingaġġ ta' *Administration Officer* I (Skala 12) fuq bażi part-time ta' sitt (6) sigħat kuljum, mit-Tnejn sal-Ġimgħa. *(reduced hours)*

623.3.20 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-proċess tal-ingaġġ ta' *Administration Officer II* (full-time) Skala 10, li kien sar u li kellu jiġi sospiż wara li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill li l-kandidata magħżula ma kinitx eleġibbli skont il-ftehim kollettiv il-ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li ftit tal-jiem ilu ġie ffirmat *Memorandum of Understanding* bejn l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali u l-UHM li permezz tiegħu ġew aġġornati r-rekwiżiti meħtieġa għal dan l-ingaġġ. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob kjarifika lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-proċedura korretta li għandha tiġi segwita, u jekk skont ir-rekwiżiti aġġornati tal-imsemmi MOU il-proċess diġà mwettaq jistax jitkompla jew għandux jiġi kkanċellat. F'każ li l-Kunsill jiġi nfurmat li l-proċess ma jistax jitkompla, il-Kunsill ser iħassar il-permess eżistenti għall-ingaġġ u joħroġ sejħa ġdida għal *Administration Officer II (full-time)* Skala 10, konformement mar-rekwiżiti tal-imsemmi *Memorandum of Understanding* u proċeduri applikabbli. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet il-ħtieġa li jinħatar bord tal-għażla f'każ li l-Kunsill ikollu jerġa' iwettaq l-intervisti. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li l-bord tal-għażla jkun kompost mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sinjura Anna Calleja, mis-Sur Leone Sciberras u mis-Sur Joseph Agius.

## 623.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

623.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Jannar 2026 u l-24 ta' Frar 2026 li kienet tammonta għal €97,770.42.

## 623.5 Approvazzjoni tal-istqarrijiet finanzjarji 2025

623.5.1 Fuq proposta tas-Sinjorina Martina Baldacchino li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament dawn l-Istqarrijiet Finanzjarji 2025.

623.5.2 Is-Sindku rrefera għal talba li waslet sabiex tintuża s-sala tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 6 ta' Marzu 2026 bejn is-6:00 u d-9:30 ta' filgħaxija għall-organizzazzjoni ta' *'Iftar'*, b'attendenza ta' madwar 25 sa 30 persuna u fejn l-organizzaturi kkomunikaw li din l-inizjattiva għandha l-għan li tippromwovi l-inklużjoni u s-solidarjetà fil-komunità. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-użu tas-sala għall-imsemmija attività.

## 623.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar- Diċembru 2025

623.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Diċembru 2025. Fuq proposta tas-Sinjorina Toshera Schembri li ġiet

issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Diċembru 2025.

**623.7 Deċiżjoni dwar il-kuntratti:**

- **Tisbieħ ta' Ġnien il-Mistrieħ (ZLC3/2024R)**

623.7.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li Ġnien Tamara Psaila reġa' nfetaħ għall-pubbliku wara li ġew installati bandli ġodda minflok dawk li kienu mkissra.

623.7.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fir-rigward tax-xogħlijiet ta' tisbieħ ta' Ġnien il-Mistrieħ, il-kuntrattur responsabbli *Derek Garden Centre,* minkejja diversi komunikazzjonijiet u tfakkiriet ripetuti, baqa' ma pprovdiex id-dokumentazzjoni meħtieġa sabiex jiġu sottomessi lill-*Planning Authority* u lill-*Building Contracting Authority* u, konsegwentament, ma setax jinbeda x-xogħol kif suppost. Fuq proposta tas-Sinjorina Martina Baldacchino li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jittermina l-kuntratt b'effett immedjat minħabba nuqqas ta' konformità u nuqqas ta' twettiq tal-obbligi kuntrattwali, u li ma tiġix rilaxxata l-garanzija bankarja li tammonta għal €5,557.16.

623.7.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li minflok terġa' tinħareġ sejħa għall-offerti, peress li hija t-tielet darba li kuntratt relatat ma' dan il-proġett qed jiġi tterminat, il-Kunsill għandu l-ewwel jara l-possibbiltà li l-proġett jiġi implimentat minn entitajiet governattivi bħad-Dipartiment tax-Xogħlijiet jew minn *Project Green.* F'każ li dan ma jkunx possibbli, jinġabru stimi mingħand kuntratturi privati u titressaq talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jagħti il-konċessjoni għal *direct order* skont il-linji gwida 3.5.

623.7.4 Is-Sindku rrefera għall-proġett ta' tisbiħ ta' Triq il-Kbira Sqaq Nru. 4 li ser jitwettaq permezz tal-iskema "Komunitajiet Aktar b'Saħħithom" u nforma lill-membri preżenti li kien iddiskuta l-possibbiltà li x-xogħlijiet jitwettqu permezz tal-*Framework Agreement* ta' Infrastruttura Malta minflok ma tinħareġ sejħa għall-offerti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li tintbagħat talba formali lil Infrastruttura Malta sabiex jiġu pprovduti r-rati applikabbli taħt l-imsemmi *Framework Agreement* bil-ħsieb li wara li jiġu evalwati dawn ir-rati u l-kundizzjonijiet, il-Kunsill jiddeċiedi dwar l-implimentazzjoni tal-proġett permezz tal-istess *Framework Agreement.* Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li l-Kunsill għandu jikkunsidra wkoll iż-żmien u d-data indikattiva tal-implimentazzjoni tal-proġett minn Infrastruttura Malta, sabiex jiġi vvalutat kemm jista' idum biex jinbeda l-proċess qabel ma' l-Kunsill jimxi 'l quddiem.

623.7.5 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li r-Reġjun Port għad għandu fondi disponibbli taħt l-iskema tal-Latrini Pubbliċi. Is-Sindku spjega li r-Reġjun Port ser jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jiġi vverifikat jekk dawn il-fondi jistgħux jiġu ridistribwiti u mqassma lill-Kunsilli fi ħdan ir-Reġjun. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill ma kienx ibbenefika r-rimbors totali tal-ispiża tal-proġett ta' tisbiħ tal-latrini pubbliċi fi Ġnien il-Kunsill, peress li l-ispiża totali kienet ta' €43,531 filwaqt li r-rimbors kien ta' €32,727. Għalhekk, jekk dan ikun

permessibbli u skont id-deċiżjoni tar-Reġjun Port, il-Kunsill ser jipprova jitlob rimbors tad-differenza. Is-Sindku kompla jgħid li skont il-kriterji li jistgħu jiġu stabbiliti mir-Reġjun Port, ser jiġi kkunsidrat ukoll li jintalab rimbors tal-ispiża relatata mal-proġett ta' tisbiħ li għadu kif sar fil-latrini pubbliċi fi Triq iċ-Ċawsli, li l-ispiża tiegħu kienet ta' madwar €48,422. Madankollu, f'każ li jiġi indikat li tali talba ma tistax tiġi aċċettata minħabba li l-proġett fi Triq iċ-Ċawsli jkun diġà twettaq u li l-fondi jkunu riservati għal proġetti li għadhom ma ġewx implimentati, is-Sindku qal li ser jitlob li l-fondi jintużaw sabiex jitwettqu xogħlijiet ta' tisbieħ fit-*toilets* li jinsabu fil-bini amministrattiv taċ-Ċentru Ċiviku.

- **Servizz ta' tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 3/2025)**

623.7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kien hemm għaxar offerti għas-servizz ta' tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 3/2025) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li sitt offerti biss kienu teknikament tajba u rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-orħos offerta li kienet mingħand *Malta Recycle & Waste Collection Limited* għall-prezz ta' €16,800 eskluż il-VAT. Fuq proposta tal-Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

**623.8 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

623.8.1 Ma kienx hemm talbiet għal rimbors.

623.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-avukat tal-Kunsill kien bagħat l-ittra legali lill-kuntrattur responsabbli miż-żbir tas-siġar rigward l-inċident fi Triq iċ-Ċawsli fejn siġra waqgħet fuq vettura u kkawżat ħsarat.

**623.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

623.9.1 Is-Sur Joseph Buttigieg qal li fi Triq il-Mina ta' Hompesch l-arblu tad-dawl għadu mingħajr lampa u li fi Triq Sqaq San Franġisk il-fanal li nkiser waqt il-maltempata għadu ma ġiex mibdul. Is-Sindku qal li fir-rigward tal-arblu tad-dawl fi Triq il-Mina ta' Hompesch ser jerġa' iressaq l-ilment mal-Korporazzjoni Enemalta; u żied jgħid li l-fanal ta' Sqaq San Franġisk kien diġa ġie ordnat.

623.9.2 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk huwiex ippjanat li jsir ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Tumas Dingli, b'mod partikolari fil-parti bejn Triq il-Kunvent u Triq is-Santwarju. Is-Sindku spjega li Triq Tumas Dingli fil-passat kienet fil-lista ta' toroq li ser isiru minn Infrastruttura Malta, iżda x-xogħol ma twettaqx u għaldaqstant hemm bżonn li jsiru taħditiet mill-ġdid sabiex din it-triq terġa' tiddaħħal fil-lista. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li l-Kunsill għandu jressaq talba biex Triq Tumas Dingli terġa' tiddaħħal fil-lista ta' toroq ta' Infrastruttura Malta sabiex jitwettaq ix-xogħol ta' *resurfacing*.

623.9.3 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li titwaħħal lasta tal-*basket ball* fi Ġnien il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi Ġnien il-Kunsill huwa pprojbit li jkun hemm logħob bil-ballun. Is-Sindku qal li minflok, il-lasta għandha tiġi installata fl-ispazju miftuħ li hemm fiż-żona tat-Teatru Grieg.

623.9.4 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jitwaħħlu *rumble strips* fi Triq ix-Xgħajra, fil-viċinanzi ta' Triq l-Iskola, minħabba li vetturi kienu qed jgħaddu b'veloċità eċċessiva. Is-Sindku qal li Transport Malta normalment ma tapprovax tali miżuri f'żoni residenzjali.

623.9.5 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li nhar il-Ħamis ser jibdew il-korsijiet ta' Għaqal id-Dar Ħajja Aħjar u li kien hemm numru tajjeb ta' parteċipanti.

623.9.6 Is-Sur Leone Sciberras staqsa meta kien ser jinbeda l-proġett ta' installazzjoni ta' sinjaletika bil-*braille* fil-*bus stops*, li ser jitwettaq permezz tal-iskema "Komunitajiet Aktar b'Saħħithom". Is-Sindku qal li huwa kien diġà bagħat korrispondenza lil Transport Malta dwar dan is-suġġett u li ladarba l-iskema ġiet approvata, ix-xogħlijiet jistgħu jibdew.

623.9.7 Is-Sur Joseph Agius staqsa meta huwa previst li jsir ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Kbira, fil-parti bejn Triq il-Kunvent u Misraħ is-Sliem. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol ser jitwettaq bħala parti mill-proġett tal-Misraħ. Is-Sur Agius staqsa meta huwa mistenni li jinbeda l-proġett tal-Misraħ u s-Sindku wieġeb li fil-preżent ma kellux din l-informazzjoni.

**623.10 Mozzjonijiet**

623.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**623.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

623.11.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu, 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

623.11.2 Il-laqgħa spiċċat fis-7.25 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-625 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 7 ta' April, 2026.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku